HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

01 JUL 2020

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 525**

**It-Tlieta 26 ta' Mejju 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.25 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech - Kunsillier

**ASSENTI**

Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 525.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

525.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

## 525.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

525.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-ewwel paragrafu ta' paġna 142 u minflok il-kliem 'fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar,' jidħol il-kliem 'iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*'.

525.2.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 524.3.19 u minflok il-kunjom 'Barbara' jidħol il-kunjom 'Bartolo'.

525.2.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 524.13.4 u minflok il-kliem 'ssir' jidħol il-kliem 'tiġi spustjata'.

525.2.4 Il-minuti tal-524 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

## 525.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

525.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li t-*textile recycling bin* li kien hemm fi Triq ix-Xgħajra ġiet spustjata għal maġenb il-*bring in sites* li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u t-*textile recycling bin* li kien hemm fi Triq iċ-Ċawsli ġiet spustjata minn mal-kantuniera li hemm viċin l-uffiċini tal-Posta għall-kantuniera li hemm viċin l-Għassa tal-Pulizija. Is-Sindku żied jgħid li dan iċ-ċaqliq kien sar sabiex 'il quddiem jiġu nstallati *CCTV cameras*.

525.3.2 Is-Sindku rrefera għall-inawgurazzjoni tal-istatwi u n-niċċe u qal li din ġiet posposta minħabba li x-xogħol ta' restawr kien għadu ma tlestiex .

525.3.3 Is-Sindku semma l-ħtieġa li jinbidlu l-ventijiet li jintużaw għall-armar tat-tiżjin tal-Milied fi Triq is-Santwarju u qal li l-ispiża sabiex jinbidlu kienet ser tammonta għal madwar €600. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'liema parti ta' Triq is-Santwarju kienu qegħdin dawn il-ventijiet. Is-Sindku qal illi l-ħsarat kienu fil-parti tan-naħa t'isfel tat-triq. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinbidlu dawn il-ventijiet.

525.3.4 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex fi żmien il-Milied il-parti ta' Triq is-Santwarju, mill-monument ta' Agatha Barbara sa Triq ix-Xgħajra, tiġi mżejna bl-istess dawl dekorattiv bħall-kumplament tat-triq. Is-Sinjura Calleja qalet li s-sena l-oħra kien hemm inqas dawl dekorattiv f'din il-parti tat-triq. Is-Sindku qal illi Triq is-Santwarju kienet imżejna bl-istess dawl dekorattiv iżda kien għadda trakk u ġibed id-disinji tal-Milied. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien qed jiddiskuti dwar it-tiżjin tal-Milied flimkien mas-Sur Joseph Vella u wara kien ser iressaq il-proposti sabiex jiġu diskussi matul il-laqgħa tal-Kunsill.

525.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħalissa kienu għaddejjin diskussjonijiet flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-proġett pilota relatat mal-viżjoni biex ikun hemm kilometri ta' spazji pubbliċi b'rotot għall-mixi, ċikliżmu u spazji miftuħa għar-residenti żgħar u kbar fil-lokalitajiet tagħna. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġà kien pro attiv u ser jagħmel proġett li jinkludi żona pedonali sabiex matul il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tal-iskola id-dawra tal-madwar tiġi żona pedonali. Is-Sindku żied jgħid li kif il-Perit tal-Kunsill jibgħat t-*tender specifications* tkun tista' tinħareġ is-sejħa għall-offerti sabiex dan il-proġett jiġi mplimentat. Is-Sindku qal ukoll illi kien qed jistenna iktar komunikazzjoni dwar dan il-proġett mill-Ministeru sabiex il-Kunsill ikun jista' jimplimenta t-tieni proġett tiegħu u jgawdi minn proġett infrastrutturali. Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa sabiex Triq Wied il-Għajn issir żona pedonali. Is-Sindku qal illi Triq Wied il-Għajn ma tikklassifikax f'dan il-proġett peress illi t-toroq magħżula jridu jkunu fil-qalba tal-lokalità. Barra minn hekk fi Triq Wied il-Għajn diġà kien tħabbar proġett ta' żewġ miljuni mill-Gvern Ċentrali li kien jinkludi kostruzzjoni tat-triq u korsija għar-roti u oħra għall-mixi. Is-Sur Joseph Agius qal illi jekk Triq Wied il-Għajn tiġi pedonali kienu ser jonqsu l-vetturi miċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar.

525.3.6 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kellux kopja tal-pjanti ta' kif ser isir il-proġett fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u qal illi kien għaddej f'diskussjonijiet flimkien ma' *Infrastructure Malta*. Is-Sur Buttigieg żied jgħid li kien hemm xi ndividwi li kienu nfurmati li l-bankina kienet ser issir fuq naħa waħda biss. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qed jistenna l-pjanti finali. Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li ssir *speed camera* minħabba sewqan eċċessiv kif ukoll sabiex issir bankina fuq iż-żewġ naħat minħabba n-nies li jkunu jridu jaqsmu għal Sqaq tal-Għargħar. Is-Sindku qal illi ma kellux pjanti f'idu u għalhekk ma setax jiddiskuti dwar dan.

525.3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-Proġett tal-Masġar taż-Żebbuġ u qal li fil-ġimgħat li għaddew kellu *site visit* mal-Onorevoli Julia Farrugia, il-Ministru responsabbli mill-*Parks* u mad-Direttorat tal-Parks. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fil-Masġar taż-Żebbuġ kien wasal biex jiġi inawgurat. Is-Sindku qal illi xtaq jirringrazzja lill-Ministru Josè Herrera tax-xogħlijiet li saru qabel l-elezzjoni b'mod partikolari lill-Onorevoli Helena Dalli li bdiet ix-xogħol f'isem il-Kunsill Lokali u mexxiet dan il-proġett fuq livell Parlamentari. Is-Sindku ppropona sabiex l-Onorevoli Helena Dalli tkun waħda mill-persuni li tkun qed tinawgura

dan il-proġett flimkien mal-Prim Ministru. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

525.3.8 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-proġett fil-Masġar taż-Żebbuġ kien inbeda snin ilu mill-Onorevoli Francis Agius iżda ma tkompliex minhabba li l-Onorevoli George Pullicino ma kienx kompla l-proġett.

525.3.9 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex għall-inawgurazzjoni tal-proġett tal-Masġar taż-Żebbuġ jiġi mistieden is-Sur Marc Vella Bonnici. Is-Sur Angelo Scicluna issekonda l-proposta tas-Sur Agius u l-Kunsill qabel unanimament.

525.3.10 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx ser isir bandli fil-Masġar taż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

525.3.11 Is-Sindku qal illi l-wiċċ tal-maskla li kien sar mill-artist Justin Bonnici fuq it-Teatru Grieg kien halla impatt pożittiv u din it-tpinġija marret *viral* fuq il-Midja Soċjali. Is-Sindku żied jgħid li dan il-proġett sar flimkien mad-dekasteru tal-Kultura immexxi mill-Kunsillier tas-Sur Joseph Vella.

525.3.12 Is-Sindku tkellem dwar serata ta' kant u divertiment li kellha ssir fit-toroq tal-lokalità u qal li kien hemm xi problemi relatati mal-permessi minhabba d-daqq tal-mużika. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kif il-Kunsill ikollu l-permessi meħtieġa tiġi organizzata din l-attività.

525.3.13 Is-Sindku reġa' ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill *is-site plan* tal-*bus shelter* 'Maġġi' peress illi sid l-għalqa kienet emendat il-pjanti. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japprova s-*site plan* kif emendata.

525.3.14 Is-Sindku tkellem dwar l-inizzjattiva sabiex il-Kunsill iqassam maskli tal-wiċċ sabiex b'hekk jgħin fil-ġlieda kontra l-imxija tal-Covid 19. Is-Sindku qal illi kien għaddej b'diskussjoni flimkien mal-każini tal-baned u mal-Grupp tal-Armar tal-Festa sabiex il-Kunsill jixtri l-materjal u l-voluntiera tal-każini jħitu l-maskli. Is-Sindku żied jgħid li minkejja li kien ikkomunika maż-żewġ Presidenti tal-Każini, għaqda minnhom hareġ b'din l-inizjattiva qabel ma ntlehaq il-ftehim.

525.3.15 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jagħlaq sena mit-twaqqif ta' din il-leġislatura u talab l-approvazzjoni tal-membri preżenti sabiex isir filmat qasir dwar il-ħidma tal-Kunsill u jittella' fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li kien ser ikun hemm spiża żgħira relatata ma' dan il-filmat. Il-Viċi Sindku staqsiet għaliex kien ser ikun hemm spiża addizzjonali peress illi l-Kunsill għandu ftehim mal-*Y Limited* dwar il-paġna tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi dan il-filmat ma kienx inkluż fil-ftehim. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel filmat fl-okkażżjoni tal-ewwel sena mit-twaqqif ta' din il-leġislatura.

525.3.16 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi organizzat il-parkeġġ fi Triq il-Kittien.

## 525.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat

525.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

## 525.5 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2019

525.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji 2019 kif emendati.

## 525.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- Marzu 2020

525.6.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japprova r-Rapport Finanzjarji Jannar – Marzu 2019.

## 525.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

525.7.1 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn d-29 t'April 2020 u s-26 ta' Mejju 2020 li kienet tammonta għal €106,151.16.

525.7.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar t'April 2020 li kien jammonta għal €110.58.

## 525.8 Ittri legali

525.8.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva ittra legali f'isem resident li joqgħod fi Triq Spadaro fejn talab lill-Kunsill sabiex ineħħi *road hump* minn quddiem il- proprjetà numru 19. Dan peress illi kien qed jiġi allegat li din ir-*road hump* mhix konformi mal-liġi u kawża t'hekk kienu qed isiru diversi kolliżjonijiet minħabba li l-vetturi kienu qed jitilfu l-kontroll wara li jgħaddu b'veloċità eċċessiva minn fuqha. Is-Sindku qal illi fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill diġa kien iddeċieda li jneħħi din ir-*road hump*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat ittra legali fejn il-Kunsill jinforma lir-resident li din ir-*road hump* kienet ser titneħħa.

525.8.2 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva kopja t'ittra legali f'isem resident li joqgħod fi Triq il-Kapuċċini minħabba li kienet ser titwessa l-bankina f'parti minn Triq il-Kapuċċini. Barra minn hekk f'din fl-ittra legali il-klijent kien qed joġġezzjona peress illi kienu ser jitneħħew numru ta' parkeġġi minħabba li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet approvat permess numru 02702/2015, fejn kien qed jiġi approvat il-

bini ta' gallarijiet illi jesporġu 'l barra aktar mill-wisa' tal-bankina eżistenti. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-bankina fejn kien hemm il-gallarijiet illi jesporġu 'l barra kienet ilha li twesset snin ilu mill-Kunsill fil-leġislatura preċedenti u dan kien sar sabiex jiġi evitat kull periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku żied jgħid li fil-ġimgħat li għaddew il-Kunsill kien wessa' l-kumplament tal-bankina tul din il-parti tat-triq kollha u qal illi meta kien qed isir ix-xogħol f'din it-triq, ir-resident hareġ iwaqqaf lill-haddiema milli jkomplu jaħdmu u l-Kunsill kellu jitlob l-assistenza tal-pulizija. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li dwar dan il-każ kien ittella' post fuq il-midja soċjali. Is-Sindku qal li fuq il-post tal-midja soċjali kien inkiteb kliem mhux xierqa fil-konfront tiegħu u barra minn hekk ġie allegat li t-triq kienet ser issir *one way*. Is-Sindku żied jgħid li dan ma kienx minnu u x-xogħol li sar kien kollu bil-permess ta' Transport Malta. Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jitlob lil Transport Malta biex ineħħi żewġ parkeġġi minn din it-triq biex jiġi evitat kull periklu peress illi t-triq kienet dejqa u ma kienux jgħaddu żewġ vetturi. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-parir tal-avukat tal-Kunsill dwar dan il-każ sabiex tintbgħat ittra legali bħala risposta u sabiex jintalab il-permess ta' Transport Malta biex jitneħħew żewġ parkeġġi u minflok isiru d-*double yellow lines* fi Triq il-Kapuċċini.

**525.9 Servizz ta' professjoni legali**

525.9.1 Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jaħtar lill-Avukat Ishmael Psaila bħala avukat legali u konsulent tal-Kunsill biex jassisti lill-Kunsill f'diversi proġetti fosthom il-proġett tad-Dar tal-Anzjani. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kemm il-avukat kien ser ikun qed jassisti lill-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser ikollu tlett avukati u kull avukat kien ser jassisti każijiet separati. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob is-servizz tal-Avukat Ishmael Psaila sabiex jinħatar bħala konsulent legali tal-Kunsill biex ikun jista' jagħti l-pariri tiegħu dwar il-proġetti tal-Kunsill.

**525.10 Servizz ta' *contracts manager***

525.10.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill tlett kwotazzjonijiet sabiex jinħatar *contracts manager* mal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-offerti kienu jammontaw għal €6,000, €7,200 u €4,900. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lis-Sur Emren John Vella bħala *contracts manager* mal-Kunsill għall-prezz ta' €4,900 VAT inkluż.

**525.11 Manutenzjoni tal-bankini**

525.11.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għaddej f'diskussjoni mal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma sabiex kif ikun ser isir xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini jinbidlu s-servizzi wkoll u għalhekk talab sabiex il-lista tal-approvazzjoni tal-bankini tiġi posposta għal aktar 'il quddiem. Is-Sindku żied jgħid li x-xogħol ta'

manutenzjoni tal-bankini li ma jaqbżux ħames metri tul kienu qed isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

525.11.2 Is-Sur Angelo Scicluna talab sabiex titneħħa l-bankina li hemm hierġa l-barra fit-tarf ta' Triq il-Kunsill tal-Ewropa, fil-viċinanzi tar-*roundabout* li tagħti għal Triq Bormla. Is-Sindku qal illi dik il-bankina ma setgħetx titneħħa peress illi kienet tagħmel parti mill-funzjoni tar-*roundabout*.

**525.12 Restawr tal-kanuni tal-Mina ta' Hompesch**

525.12.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt laqgħa ma' *Heritage Malta* ġiet diskussa l-possibiltà li jiġu restawrati ż-żewġ kanuni li hemm fir-*roundabout* tal-Mina ta' Hompesch kif ukoll il-kanun li hemm maġenb il-bust tal-Granmastru Ferdinand Von Hompesch f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku żied jgħid li r-restawr ta' dawn il-kanuni kien ser isir mingħajr ebda spejjeż għall-Kunsill bil-possibiltà li jiġu esebiti fil-mużewijiet ta' *Heritage Malta* għal perjodu ta' sentejn. Minflok dawn it-tlett kanuni, il-Kunsill kien ser jingħata tlett kanuni oħra li għandhom x'jaqsmu mal-istorja tal-Franċiżi f'Malta. Wara li jgħaddu s-sentejn isir ftehim ġdid sabiex dawn il-kanuni jiġu esebiti fil-Mużew tas-Santwarju, f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku spjega li kien għad irid isiru iktar laqgħat sabiex isir ftehim legali u jiġi diskuss kif ser isir ir-restawr peress illi dawn il-kanuni kienu uniċi fid-dinja. Is-Sur Joseph Vella qal li fil-passat il-Kunsill kien diġa beda komunikat mal-Ministeru għat-Turiżmu u ddiskuta l-possibilità li *hop on hop off buses* jerġa' jiġi nkluż bħala parti minn rotta tal-bliet u rħula turistiċi fin-nofsinhar ta' Malta. Is-Sindku qal li l-ħsieb tar-restawr tal-kanuni kien sabiex jinġiebu aktar turisti fil-lokalità. Is-Sur Joseph Vella qal illi l-*Heritage trail* huma amministrati mill-Ministeru għat-Turiżmu. Is-Sindku qal illi l-*Heritage trail* għandhom kontrol fuqu ukoll il-Gwidi tal-Mużewijiet u li huwa diġa kien tkellem mal-Onorevoli Julia Farrugia dwar din l-inizzjattiva. Is-Sur Joseph Vella ppropona li flimkien mal-avukat tal-Kunsill jibdew diskussjonijiet sabiex jiġu restawrati l-kanuni u jintlaħaq ftehim sabiex Ħaż-Żabbar jiġi nkluż fil-*Heritage trail*. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sur Joseph Vella u l-Kunsill qabel unanimament.

**525.13 *Data protection officer* mar-Reġjun Xlokk**

525.13.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti illi r-Reġjun Xlokk kien qiegħed fil-proċess li jippubblika s-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' *Data protection officer* u talab lill-Kunsill sabiex jissieħeb fis-sejħa b'mod reġjonali. Is-Sindku żied jgħid li kienet għaddejja diskussjoni dwar min ser iħallas għas-servizz tad-*Data Protection Officer*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kellu kuntratt iffirmat għas-servizz ta' *Data protection officer* mal-kumpanija *Equinox*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li juża s-servizz ta' *Data Protection Officer* tar-Reġjun Xlokk wara li jiskadi l-kuntratt tal-Kunsill.

525.13.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti illi r-Reġjun Xlokk kien qiegħed fil-proċess li jippubblika s-sejħa għall-offerti għall-ġbir tal-flus mill-Kunsilli Lokali u talab lill-Kunsill sabiex jissieħeb fis-sejħa b'mod reġjonali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kellu kuntratt iffirmat għas-servizz ta' ġbir ta' flus mal-kumpanija *Group 4 Security Services*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-sejħa għall-offerti għall-ġbir ta' flus mill-Kunsilli Lokali issir b'mod konġunt mar-Reġjun Xlokk.

**525.14 Miżura 4.3 - Pagamenti dovuti mill-Aġenzija għall-pagamenti Agrikoli u Rurali**

525.14.1 Is-Sindku tkellem dwar il-fondi relatati ma' Triq Has-Sajjied u nforma lill-membri preżenti li wara verifiki li saru mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, il-Kunsill ġie nfurmat li kienet ser issir korrezzjoni finanzjarja li tammonta għal €7,171.90, li hija 25% ta' l-ammont tal-għotja eleġibbli fuq €28,687.62, minħabba li ma ġietx rispettata l-iskeda ta' ħlas matul il-kuntratt. Għaldaqstant il-Kunsill ġie mitlub jimla l-formola ta' aċċettazzjoni tad-dejn jew il-formola ta' oġġezzjoni. Is-Sindku spjega li d-deċiżjoni sabiex isir *interim payment* kienet ittieħdet fil-leġislatura preċedenti minħabba diversi raġunijiet, fosthom wara li l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali damet biex għamlet il-verifiki tagħha. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-parir legali lill-avukat Ishmael Psaila dwar dan il-każ u jimxi minn hemm.

**525.15 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- **Ġbir ta' Skart Goff (ZLC 3/2017)**

525.15.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 3/2017 għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff li għandu mas-Sur Ronald Bezzina, kien ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

525.15.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 6/2019 għall-offerti tal-kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar li għandu ma' S. Spagnol Construction, kien ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

**525.16 Ħatra ta' Evalwazzjoni tal-Offerti**

- **Xiri ta' Vann tal-Kunsill (ZLC 3/2020)**

525.16.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għax-xiri ta' vann tal-Kunsill (ZLC 3/2020) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mill-Kunsilliera s-Sinjorina Ghislaine Bongailas u mill-Kaptan Patrick Barbara.

- **Servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 4/2020)**

525.16.2 Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku biex isservi bħala membru tal-Bord t'Evalwazzjoni għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani. Il-Viċi Sindku talbet lis-Sindku biex minflokha jaħtar membru ieħor minħabba li kellha mpenji oħra. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-bord ikun kompost mis-Sur Marco Cassar, mis-Sur Brian Farrugia u mis-Sinjura Elke Sghendo. Il-Viċi Sindku talbet sabiex jinħatar Kunsillier f'dan il-Bord. Is-Sindku spjega li l-evalwaturi jridu jkunu jafu jħaddmu s-sistema tal-EPPS u li l-BPQR (Best Price Quality Ratio) kienet tinvolvi ħafna teknikalitajiet. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mis-Sur Brian Farrugia u mis-Sinjura Elke Sghendo.

**525.17 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

525.17.1 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li ssir esproprjazzjoni tal-art fi Triq Bieb is-Sultan biex b'hekk tkun tista' tinfetaħ triq. Is-Sindku qal illi kienu għaddejjin id-diskussjonijiet ma' Infrastructure Malta.

525.17.2 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex il-Kunsill jipparteċipa fl-inizjattiva *Opportunity Knocks*.

525.17.3 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex jitnaddfu l-*culverts* tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq il-Qalb Imqaddsa minħabba li kien hemm il-ġrieden.

525.17.4 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fi Triq in-Newl kien hemm *skip* u kienet qiegħda pparkjat fuq id-*double yellow lines* u minħabba fih il-vetturi ma setgħux jgħaddu.

525.17.5 Fit-8.10 ta' filgħaxija s-Sinjura Anna Calleja talbet li tkun skużata.

525.17.6 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa f'hix wasal il-proċess taż-*zebra crossing* fi Triq Bormla. Is-Sindku qal illi kien għadu għaddej bid-diskussjonijiet mal-entitajiet.

525.17.7Is-Sur Angelo Scicluna rrefera għall-applikazzjoni numru 01187/20 u qal illi l-Kunsill kien irċieva petizzjoni dwarha. Is-Sindku qal illi din diġa ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti u l-Kunsill qabel li ma joġġezzjonax peress illi dan is-sit qiegħed f'żona tal-bini. Is-Sindku qal illi kien hemm diversi oġġezzjonijiet dwar dan. Is-Sur Angelo talab li l-individwu li ressaq il-petizzjoni talab li jkun jaf x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar din l-applikazzjoni. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni numru 01187/20 kienet ġiet sospiża.

**525.18 Mozzjonijiet**

525.18.1Ma kienx hemm mozzjonijet bil-miktub.

**525.19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

525.19.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija.

525.19.2Il-laqgħa spiċċat fit-8.25 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-529 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku